# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Ħmistax (15) ta’ Diċembru 2020**

**Rikors Numru 504/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Omar Micallef (ID 454982M)**

**Vs**

**Francis Saliba (ID 291489M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 24 ta’ Mejju 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talab s-segwenti:

    1. *Illi fis-sena elfejn u ħmistax (2015) ir-rikorrent Omar Micallef sellef lil Francis Saliba l-ammont komplessiv ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (Euro 24,000) u dan fuq medda ta' żewġ istanzi.*

    2. *Illi lura għall-erbgħa ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (14.10.2009) ġie nieqes missier ir-rikorrenti ċertu Mario Micallef u riżultat ta' dan ġie għand ir-rikorrenti garaxx bl-indirizz 91, Blat il-Qamar Road, Siġġiewi.*

    3. *Illi il-konvenut Saliba kien ikkonvinċa lir-rikorrenti sabiex ibiegħ dan l-istess garaxx u bi flusu iniżżillu karozza mill-Ingilterra u dan minħabba li karozza r-rikorrenti ma kellux.*

4. *Illi l-garaxx ma setgħax jinbiegħ minħabba l-użufrutt li kienet tgawdi l-istess omm ir-rikorrenti Catherine Micallef, u kien għalhekk li minflok il-konvenut Saliba ħa lir-rikorrenti għand ċertu Manuel Barun sabiex dan ta' l-aħħar isellfu għaxart elef Ewro (Eur 10,000). Immedjatament dawn il-flus ingħaddew dak il-ħin stess lill-konvenut Francis Saliba sabiex dan ikun jista' jniżżel karozza mill-Ingilterra hawn Malta b'dawn il-flus.*

5. *Illi effettivament il-partijiet u ċioe' l-attur u l-konvenut telgħu l-Ingilterra u niżżlu Malta karozza tal-marka Citroen.*

6. *Illi madanakollu, minkejja li l-konvenut niżżel din il-karozza, hekk kif appena wasal Malta huwa qatt ma tagħielu u minflok biegħha l-ħaddieħor u dan minkejja li xorta waħda żamm il-flus li jien kien issellef u ġew mgħoddija lilu.*

7. *Illi f'temp inqas minn gimgħatejn, l-istess Saliba talab lir-rikorrenti li jiġi miegħu sabiex huwa jerġa' jissellef l-ammont ta' erbatax-il elf (Eur 14,000) u dan di fatti reġa' sar ma' terza persuna oħra u ċioe Aaron Bartolo li sellef lir-rikorrenti s-somma ta' Euro 14,000 li dawn ġew mgħoddija dak il-ħin stess lil Frans Saliba. Il-wegħda kienet li b'dawn il- flus din id-darba iniżżillu karozza ta' għamla Mercedes.*

8. *Illi effetivament, il-partijiet reġgħu siefru l-Ingilterra iżda minkejja li l-Mercedes ġiet mixtrija, qatt ma ġiet ikkonsenjata lir-rikorrenti.*

9. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex ir-rikorrenti jerġa' jingħata l-flus lura, il-konvenut Saliba għadu sa llum jirrifjuta li jagħmel dan u dan bi preġudizzju serju kontra l-istess rikorrenti.*

10. *Illi r-rikorrenti safa vittma tal-manipulazzjonijiet ta' l-istess konvenut u mhux hekk biss, ta' dan huwa safa vittma ta' mandat ta' sekwestru minn dawn it-terzi li mingħandhom issellef il-flus u ta' liema huwa qiegħed jintalab l-interessi.*

*GHALDAQSTANT ir-rikorrent qiegħed, għar-raġunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa w opportuna, illi:*

1. *TIDDIKJARA li l-konvenut Francis Saliba responsabbli sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' flus li huwa ħa mingħand ir-rikorrenti b'mod abbużiv u frawdalenti, liema somma flus għandha tinkludi wkoll l-interessi li qiegħed jiġi mitlub ir-rikorrenti mingħand it-terzi Emanuel Barun u Aaron Bartolo.*

2. *TILLIKWIDA l-istess somma li għandha titħallas mill-konvenut lill-attur.*

3. *TIKKUNDANNA lill-intimat sabiex iħallas lill-attur din is-somma hekk iffissata u dovuta lir-rikorrenti bl-interessi kontra l-intimat.*

4. *TORDNA u TAGĦTI dawk il-provvedimenti li jidhru xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali, u bl-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

*B'riserva ċara għal kull azzjoni oħra talvolta spettanti lill-esponent skond il-Liġi.*

2. Rat illi, l-intimat Francis Saliba ġie notifikat bl-affissjoni fil-Kunsill Lokali, Żejtun, Għassa tal-Pulizija ta' Bormla u ġewwa l-indirizz 158, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla, fid-9 ta' Jannar 2020 (fol 21), kif ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Jannar 2020 (fol 26), fil-Malta Independent tas-16 ta' Jannar 2020 (fol 23) u in-Nazzjon tas-16 ta' Jannar 2020 (fol 25).

3. Rat illi fis-6 ta' Frar 2020, meta ssejħet il-kawża, l-intimat baqa' ma deherx u għalhekk tqies bħala kontumaċi.

4. Semgħet ix-xhieda ta' PS 856 Conrad Falzon, stazzjonat fit-Taqsima kontra l-Frodi, prodotta mir-rikorrent u mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2020.

5. Semgħet ix-xhieda ta' **Aaron Bartolo**, prodotta mir-rikorrent u mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2020.

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Emanuel Baron**, prodotta mir-rikorrent u mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2020.

7. Semgħet lir-rikorrent jiddikjara illi huwa jistrieħ fuq il-kontenut tar-Rikors Ġuramentat, minnu maħluf fl-24 ta' Mejju 2019.

8. Rat illi fit-3 ta' Diċembru 2020 il-Qorti intalbet tħalli l-kawża għas-sentenza.

9. Rat illi, fit-3 ta' Dicembru 2020, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-kontumaċi.

10. Rat illi fid-9 ta' Diċembru 2020, wara li sottomissjonijiet bil-miktub tal-kontumaċi ma sarux, fuq talba tar-rikorrent, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Ikkunsidrat

11. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, Omar Micallef, kien ġie konvint mill-intimat Francis Saliba, sabiex jgħaddilu somma flus sabiex jixtrilu karozza minn ġewwa l-Ingilterra.

12. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrent ma kellux flus, u għalhekk kellu jissellef flus mingħand terzi sabiex eventwalment jgħaddi tali flejjes lil Francis Saliba.

13. Jirriżulta illi l-intimat Francis Saliba, ħa lir-rikorrent għand Emanuel Barun sabiex jissellef flus, u di fatti l-istess Emanuel Barun sellef l-ammont ta' disgħat elef Euro (9,000).

14. Jirriżulta illi, għalkemm ir-rikorrent jikkontendi fir-rikors promotur illi huwa ssellef għaxart elef Euro (10,000), jirriżulta, kemm mix-xhieda ta' Emanuel Barun mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2020, kif ukoll mid-dokument eżebit mill-istess Barun datat 24 ta' Gunju 2015, illi attwalment Emanuel Barun sellef lir-rikorrent is-somma ta' disgħat elef Euro.

15. Jirriżulta illi sussegwentement, ir-rikorrent siefer ma' l-intimat sabiex jakkwista vettura u, wara li ġiet akkwistata tali vettura mill-intimat, dina tniżżlet Malta iżda nbiegħet lil terzi u ma ngħatatx lir-rikorrent.

16. Sussegwentement jirriżulta illi l-intimat ikkonvinċa lir-rikorrent sabiex jixtri Mercedes, liema vettura l-intimat seta' jġiblu mill-Ingilterra, għal liema karozza, iżda, l-intimat kellu bżonn aktar flus, u għalhekk l-istess intimat ħadu għandu persuna oħra, ossija Aaron Bartolo, sabiex jissellef il-flus.

17. Jirriżulta, di fatti, illi Aaron Bartolo sellef lir-rikorrent is-somma ta' erbatax-il elf Euro (14,000) u, għalkemm ma ġiet ebda skrittura, Aaron Bartolo ikkonferma quddiem il-Qorti, fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2020, li tali flus ingħaddew minnu lir-rikorrent, u dana wara l-intervent ta' l-intimat Francis Saliba.

18. Eventwalment, ir-rikorrent siefer ma' l-intimat u sabu l-vettura li ried, li nxtrat mill-intimat iżda eventwalment qatt ma ngħaddiet lir-rikorrent.

19. Jirriżulta illi, sussegwentement, r-rikorrent beda jitlob li jingħadda l-flus lura lilu, u saħansitra għamel rapport mal-Pulizija, kif ikkonfermat mis-Surġent tal-Pulizija 856 Conrad Falzon, li kkonferma li l-każ kien għadu qed jiġi investigat mill-Pulizija.

20. Jirriżulta wkoll illi l-intimat, notifikat bil-proċeduri odjerni, qatt ma deher quddiem dina l-Qorti, la biex jikkontesta dak mitlub u wisq anqas biex jagħti l-verżjoni tiegħu tal-fatti.

21. Il-Qorti tosserva illi, in vista ta' tali nuqqas, kif ukoll ix-xhieda prodotta mir-rikorrent, hija ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tqis il-verżjoni tal-fatti kif promossa mir-rikorrenti bħala waħda veritjera u, għajr għal fatt illi l-ammont attwalment misluf kien ta' tlieta u għoxrin elf u mhux erbgħa u għoxrin elf, kif inizjalment indikat mir-rikorrent, il-fatti li wasslu għall-kawża odjerna ma ġew bl-ebda mod kontradetti u għalhekk it-talba tar-rikorrent, korretta kif fuq indikat, għandha tiġi milqugħa.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tilqa’** t-talba, kif varjata, u għalhekk;

**TIDDIKJARA** lill-konvenut Francis Saliba responsabbli sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' flus ta’ tlieta u għoxrin elf Euro (23,000) li huwa ħa mingħand ir-rikorrenti b'mod abbużiv u frawdalenti.

**TILLIKWIDA** s-somma li għandha titħallas mill-konvenut lill-attur fl-ammont ta’ tlieta u għoxrin elf Euro (23,000).

**TIKKUNDANNA** lill-intimat Francis Saliba sabiex iħallas lill-attur Omar Micallef is-somma ta’ tlieta u għoxrin elf Euro (23,000) bl-interessi kontra l-intimat mid-data tal-presentata tal-kawża odjerna sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta’ l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**